

(2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Repubblika tal-Polona.

(3) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tal-Awstrija għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 92, 12.04.2008.

### **Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Diċembru 2010 — Il-Kummissjoni vs Commune de Valbonne**

(Kawża T-238/08) (<sup>1</sup>)

(“Klawżola ta’ arbitraġġ — Kuntratt ta’ riċerka u ta’ taħriġ li jirrigwarda proġett ta’ tagħlim reċiproku bejn il-komun ta’ Valbonne (Franza) u l-provinċja ta’ Ascoli Piceno (l-Italja) — Talba għar-rimbors tas-somom imħallsa bil-quddiem ”)

(2011/C 30/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn L. Escobar Guerrero, sussegwentement minn F. Dintilhac u A. Sauka, aġenti, assistiti minn E. Bouttier, avukat)

Konvenut: Commune de Valbonne (Franza) (rappreżentant: B. Rapp-Jung, avukat)

#### **Suġġett**

Rikors ibbaż fuq klawżola ta’ arbitraġġ skont l-Artikolu 238 KE intiż sabiex il-komun ta’ Valbonne jiġi kkundannat għar-ribtors ta’ ħlasijiet bil-quddiem imħallsa mill-Komunità Ewropea, flimkien mal-interessi minħabba dewmien, fil-kuntest tal-kuntratt Valasp MM 1027, tad-29 ta’ Diċembru 1997.

#### **Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 223, 30.08.2008.

### **Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Diċembru 2010 — Tresplain Investments vs UASI — Hoo Hing (Golden Elephant Brand)**

(Kawża T-303/08) (<sup>1</sup>)

(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva Golden Elephant Brand — Trade mark nazzjonali figurattiva mhux irregistrrata GOLDEN ELEPHANT — Raġuni relativa għal rifxu — Riferiment għad-dritt nazzjonali li jirregola t-trade mark preċedenti — Azzjoni taħt il-common law kontra l-abbuż tad-denominazzjoni (action for passing off) — Artikolu 74(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009) — Artikolu 8(4) u Artikolu 52(1)(c) tar-Regolament Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 53(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009) — Motivi ġodda — Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura)

(2011/C 30/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Tresplain Investments Ltd (Tsing Yi, Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentant: D. McFarland, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny) (rappreżentant: J. Novais Gonçalves, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Hoo Hing Holdings Ltd (Romford, Essex, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Edenborough, barrister)

#### **Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta’ Mejju 2008 (Każ R 889/2007-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Hoo Hing Holdings Ltd u Tresplain Investments Ltd.

#### **Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) It-talbiet ta’ Hoo Hing Holdings Ltd intiżi għall-annullament parżjali u għall-bidla tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny) (UASI), tas-7 ta’ Mejju 2008 (Każ R 889/2007-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Hoo Hing Holdings Ltd u Tresplain Investments Ltd, huma miċħuda.

(3) Tresplain Investments għandha tħati l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-UASI kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn Hoo Hing Holdings. Hoo Hing Holdings għandha tħati nofs l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 260, 11.10.2008.